MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 859/1993/1

**Michael Attard bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Attard Bros Co Ltd**

**Vs**

**Edwin Caruana u Alfred Caruana bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carsons Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Gunju, 1993, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi;

Fil-25 ta' April, 1991, il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' appalt illi bih l-attur *nomine* obbliga ruhu illi jaghmel xogholijiet ta' appalt konsistenti f'kostruzzjoni ta' fabbrika f'Attard Industrial Estate, Attard, versu l-hlas mill-konvenuti *nomine* ta' dik is-somma illi tigi stabilita mill-kejl tax-xogholijiet u l-valutazzjoni taghhom skond ir-rati imsemmija fl-iskeda ta' rati mehmuza mal-kuntratt tal-25 ta' April 1991 illi kopja tieghu tinsab hawn unita mmarkata *"Dok A"*.

L-imsemmija xogholijiet saru u tlestew mill-attur *nomine a piena* sodisfazzjoni tal-Perit Paul Camilleri u tal-konvenuti *nomine.*

Tenut kont tad-diversi pagamenti maghmula mill-konvenuti *nomine* lill-attur *nomine* bhala korrispettiv ta' l-imsemmija xogholijiet u tenut kont ukoll tal-valutazzjoni tal-istess xogholijiet maghmula, kif gia inghad, b'riferenza ghall-kejl tal-istess u r-rati miftehma, l-istess konvenuti *nomine* ghadhom debituri tal-attur *nomine* fis-somma ta' tlettax-il elf u mitejn u zewg liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm13,202.72) rapprezentanti il-bilanc tal-prezz tax-xogholijiet *in parola*.

Interpellati mill-attur *nomine* sabiex jersqu ghall-hlas tas-somma hekk minnhom dovuta l-konvenuti *nomine* baqghu inadempjenti u ddikjaraw illi ma kienux disposti illi jhallsu dan id-debitu minhabba xi differenzi li kellhom mal-perit.

*In oltre*, jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *a tenur* tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili *stante* illi l-imsemmi debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur *nomine* il-konvenuti *nomine* m'ghandhomx eccezzjonijiet x'ressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi debitu u l-istess attur *nomine* ghamel affidavit f'dan is-sens (Dok E) *a tenur* tal-istess artikoli tal-Kodici tal-Procedura.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i) B'dispensa tas-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* sabiex jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' tlettax il-elf u mitejn u zewg liri maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm13,202.72) minnhom dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju, 1993, li bih laqghet it-talba tal-konvenuti *nomine* sabiex jinghataw il-fakolta' jikkontestaw il-kawza, u taghthom ghoxrin gurnata biex jipprezentaw in-Nota tal-Eccezzjonijiet taghhom u ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepiet illi;

1. It-talba tal-atturi hija wahda eccessiva u l-eccipjenti diga' iddepozitaw is-somma rejalment dovuta taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 1993, li in forza tieghu inhatar Dr. Mark Chetcuti bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar, 1998, li in forza tieghu issostitwiet il-perit legali b'Dr. Edwina Chetcuti bl-istess inkarigu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu, 2000, li in forza tieghu innominat bhala perit tekniku lil AIC Alan Saliba sabiex jassisti lill-perit legali;

Rat l-inkartament tal-imsemmija periti gudizzjarji u l-verbali tas-seduti minnhom mizmuma;

Rat ir-rapport tal-ahhar imsemmija periti perizjuri li gie minnhom pprezentat fit-3 ta' April, 2003, u mahluf fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li r-rikors tal-attur tal-11 ta' Mejju, 2000, fejn talab biex din il-Qorti tordna illi l-inkarigu tal-perit tekniku Alan Saliba jkun ristrett ghall-investigazzjoni u d-determinazzjoni tal-lanjanzi sollevati u indentitifikati mill-konvenut *nomine*, baqa' ma giex dekretat definitivament; il-partijiet jidher ma baqghux jinsistu li l-istess rikors jigi deciz u l-periti perizjuri, *kwindi*, thallew fil-liberta' jesplitaw l-inkarigu lilhom moghti skond it-termini tac-citazzjoni; f'dan l-istadju, din il-Qorti thoss li l-iskop ta' dak ir-rikors gie superat u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Ghar-rigward tal-meritu ta' din il-kawza, l-attur *nomine* qed jallega li hu nghata appalt konsistenti f'kostruzzjoni ta' fabbrika f'H'Attard Industrial Estate, *versu* l-hlas ta' dik is-somma illi tigi stabbilita mill-kejl tax-xogholijiet u l-volutazzjoni taghhom skond ir-rati msemmija fl-iskeda ta' rati mehmuza mal-ftehim tal-25 ta' April, 1991. Ghal dan l-appalt, is-socjeta' attrici thallset diversi pagamenti akkont, u wara li lestiet ix-xoghol u sar il-kejl mehtieg, qed tallega li fadallha tiehu l-bilanc ta' Lm13,202.72. Is-socjeta' konvenuta ecepiet li x-xoghol rikjest mis-socjeta' attrici ma sarx kollu, u ghax-xoghol li sar, il-bilanc dovut huwa ferm anqas, u ghaddiet ukoll biex tiddepozita l-bilanc, li skond hi hu dovut, taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti.

Is-socjeta’ konvenuta ma lmentatx minn xi nuqqas tas-socjeta’ attrici ghal dak li jirrigwarda kwalita’ jew dewmien fl-esekuzzjoni ta’ l-appalt.

Is-socjeta’ attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq il-kont mahrug mill-Perit Paul Camilleri. Dan il-perit kien inkarigat mis-socjeta’ konvenuta sabiex jiehu hsieb ix-xoghol ta’ kostruzzjoni tal-fabbrika *in* kwistjoni. L-ewwel kont tal-Perit Camilleri hareg fis-6 ta’ Novembru, 1991, u jindika ammont totali ta’ Lm81,818.19. Sussegwentement, fid-29 ta’ Settembru, 1992, hareg kont iehor, li kien il-kont finali, fl-ammont totali ta’ Lm82,546.29. Wara li qieset il-pagamenti akkont li saru, is-socjeta’ attrici qed titlob bilanc ta’ Lm13,202.72.

Is-socjeta’ konvenuta qed tibbaza d-difiza taghha fuq kejl li ghamel il-Perit Charles Buhagar, li kien gie inkarigat minnha biex jerga jkejjel ix-xogholijiet, u li fit-18 ta’ Mejju, 1993, hareg kont finali ta’ Lm72,965.04. Wara li naqsu l-pagamenti akkont li saru, u skont ta’ 3%, waslu ghal bilanc ta’ Lm2650.57, li skond hi huwa l-bilanc dovut lis-socjeta’ attrici, u li eventwalment gie depositat taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti wara li giet offruta lis-socjeta’ attrici ghas-saldu u minnha rifjutata.

Jirrizulta bhala fatt li l-ftehim *in* kwistjoni, ghal dak li jirrigward hlas, ma kienx jikontempla *lump sum payment* izda, *“is-somma li tigi stabbilita mill-kejl tax-xogholijiet u l-valutazzjoni taghhom skond ir-rati msemmija fl-iskeda ta’ rati”*. Fuq kollox, mill-kuntratt stess jidher li s-socjeta’ konvenuta ma kienetx qieghda teskludi alterazzjonijiet jew zidiet fix-xogholijiet b’varjazzjoni tal-prezz miftiehem, u din il-konsiderazzjoni, flimkien ma dak li jinghad fil-parti preliminari tal-kuntratt (li l-hlas kellu jsir skond is-somma illi tigi stabbilita mill-kejl tax-xogholijiet u l-valutazzjoni taghhom skond ir-rati murija fl-iskeda), ikomplu jikkonfermaw li l-kuntratt ma jistax jigi kklassifikat bhala *“lump sum contract”*, izda kuntratt ta’ appalt li jikontempla hlas skond il-kejl.

Is-socjeta’ konvenuta, fl-argument taghha li l-kuntratt kien *“a lump sum contract”*, tinsisti fuq klawsola hamsa tal-

ftehim li titkellem fuq prezzijiet *"invarjabbli"* skond il-lista annessa. Kif tajjeb osservat il-perit legali, *pero'*, klawsola wahda m'ghandhiex tinqara wahedha izda trid tigi mehuda fis-sens kollu li fih sar il-ftehim bejn il-partijiet, fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1008 tal-Kodici Civili, li jghid li, *"Il-klawsoli kollha ta' kuntratt jitfissru l-wahda bl-ohra, billi lil kull klawsola jinghata s-sens illi jidher mill-att kollu"*.

Din il-Qorti taqbel li, mis-sens kollu tal-kuntratt, jidher car li l-ftehim kien li l-hlas kellu jkun skond x'jirrizulta mill-kejl, u l-fatt li, meta s-socjeta' konvenuta nkarigat lill-Perit Charles Buhagiar biex johrog kont gdid, dana wkoll hareg il-kont tieghu *a* bazi tal-kejl illi ghamel tax-xogholijiet, u ma qiesx il-kuntratt bhala *"a lump sum contract"*, ikompli jikkonferma dan. Il-Qorti tifhem li l-*bill of quantities* anness mal-kuntratt kellu jkun aktar bhala indikazzjoni milli ta' kont finali ghax-xoghol li kellu jigi esegwit, u finalment l-ammont li ghandu jithallas l-appaltatur, wiehed irid jasal ghalih wara li jitkejjel ix-xoghol u jigu applikati r-rati miftiehma (ara, f'sens simili is-sentenza moghtija ricentement mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Curacrete Ltd vs Malta Dairy Products Ltd", deciza fl-24 ta' Settembru, 2004).

Dan stabbilit, il-kwistjoni bejn il-partijiet ghandha tirrizulta li hi fuq il-kejl tax-xoghol li sar. Fil-fatt, ghalkemm is-socjeta' konvenuta tallega li x-xoghol ma kienx sar kollu u li x-xoghol li kien sar ma kienx kollu skond l-ispecifikazzjonijiet stabbiliti, dan ma giex pruvat, u kif indika l-perit tekniku, lanqas waqt l-access mizmum minnu ma gew identifikati diskrepanzi fl-ispecifikazzjonijiet tal-kuntratt. Mill-provi jirrizulta li jekk kien hemm xi diskrepanzi dawn kienu ta' natura zghira, izda fil-kumpless, mhux biss ma jirrizultax li x-xoghol ma sarx kollu, izda jirrizulta li sar aktar xoghol minn dak previst fil-*bills of quantities*, u dan, partikolarment, billi nbnew zewgt iswali zejda.

Il-perit tekniku mqabbad mill-Qorti qabbel l-ammonti fiz-zewg kontijiet li fuqhom qed jibbazaw il-valur tax-xogholijiet iz-zewg partijiet, *cioe'*, il-kont tal-perit Paul Camilleri, mahrug fid-29 ta' Settembru, 1992, fl-ammont ta' Lm82,546.22, mal-kont mahrug mill-perit Charles

Buhagiar fit-12 ta' Mejju, 1993, fl-ammont totali ta' Lm71,453.01. Dan il-qbil, il-perit tekniku ghamlu billi hejja tabella komporattiva li qed tigi annessa bhala parti minn din is-sentenza u markata Dok AS1.

Meta kkumenta fuq dawn il-kontijiet, il-perit tekniku ghamel dawn il-kunsiderazzjonijiet:

"1. Il-Perit Charles Buhagiar xehed li *"fejn kellu xi dubju fuq kif sar ix- xoghol minhabba li dan ma baqax jidher, bhalma huma l-pedamenti"* huwa assuma li l-kejl li kien ghamel il-Perit Paul Camilleri kien korrett. Madankollu, fil-kontijiet ippreparati minnu, huwa ma nkludiex dawn l-*items* kif jidher fl-ewwel u fit-tieni tabella fuq Dokument AS1. Dawn l-*items* jinkludu thaffir, xogholijiet fil-pedamenti, qatran, mili bil-konkos fost ohrajn. Dawn l-*items* illum m'ghadhomx jidhru u ma kienux jidhru meta l-Perit Charles Buhagiar mar fuq is-sit, wara zmien twil li x-xoghol kien lest, sabiex ikejjel.

Ghalhekk ma' l-ammont ta' Lm71,453.01 ghandhom jizdiedu l-ammonti ta' Lm6,667.09 u l-ammont ta' Lm2,142.58 li jidhru fl-ewwel u fit-tieni tabella fuq Dokument AS1.

2. Il-Perit Charles Buhagiar xehed li d-differenza principali bejn il-kontijiet tieghu u dawk tal-Perit Paul Camilleri qieghda fil-planki, *"cioe' fil-fatt li l-hxuna tal-planki uzati kienu inqas minn dawk fil-kont tal-Perit Paul Camilleri"*. Il-Perit Tekniku hejja lista tal-kejlijiet tal-planki maghmula kemm mill-Perit Paul Camilleri kif ukoll mill-Perit Charles Buhagiar.

| **PLANKI (m.kw)** | **Perit P. Camilleri** | **Perit C. Buhagiar** |
|---|---|---|
| 310mm | 437.01 | 436.17 |
| 250mm | 1075.37 | 732.60 |
| 200mm | 252.85 | 272.85 |
| 150mm | 355.20 | 642.60 |
| **TOTAL** | **2120.43** | **2084.22** |

Minn din il-lista jidher li l-kejlijiet tal-planki maghmula miz-zewg periti huma mqarrba ma' xulxin ghal dak li

jirrigwarda t-total tal-planki uzati u ghall-planki hxuna 310mm u 150mm.

Mill-kostatazzjonijiet teknici u kejlijiet li ha l-Perit Tekniku waqt l-access jirrizulta li l-kwantita’ ta’ planki hxuna 250mm uzati tlahhaq 1080m.kw, filwaqt li l-kwantita ta’ planki hxuna 150mm uzati tlahhaq 340m.kw (zona D2=340m.kw). Ghalhekk, billi dawn il-kwantitajiet huma vicin hafna tal-kwantitajiet fil-kont tal-Perit Paul Camilleri, il-valur tal-planki fil-kont tal-Perit Paul Camilleri huwa dak rejali u dovut.

Ghalhekk ma’ l-ammont ta’ Lm71,453.01, minbarra l-ammonti msemmija f’numru 1 hawn fuq, ghandu jizdied ukoll l-ammont ta’ Lm1,792.39 li jidher fit-tielet tabella fuq Dok AS1.

Hawnhekk ghandu jinghad li sabiex l-Perit Tekniku setgha jasal ghall-ammonti tal-planki attwalment uzati fuq is-sit, saru diversi kostatazzjonijiet teknici billi nqala’ xi gebel u ttiehdu kejlijiet sabiex gie stabbilit b’certezza l-hxuna tal-planki uzati.

3. Ir-raba’ tabella fuq Dok AS1 turi differenza ohra bejn il-kont tal-Perit Paul Camilleri u l-kont tal-Perit Charles Buhagiar. L-*items* f’din it-tabella jikkoncernaw dettalji tar-rinforz tal-konkos. Billi dawn id-dettalji huma latenti billi l-hadid ikun mohbi fil-konkos u ghalhekk id-dettalji taghhom ikunu biss maghrufa mill-perit inkarigat mix-xogholijiet, *cioe’*, il-Perit Paul Camilleri, l-Perit Tekniku, wasal ghall-konkluzjoni li l-ammonti f’din it-tabella, imkejja mill-Perit Paul Camilleri, huma dawk rejali.

Ghalhekk ma’ l-ammont ta’ Lm71,453.01, minbarra l-ammonti msemmija f’numru 1 u 2 hawn fuq, ghandu jizdied ukoll l-ammont ta’ Lm278.64 li jidher fir-raba’ tabella fuq Dok AS1.

4. Il-hames tabella fuq Dok AS1 tirraprezenta differenza bejn il-kontijiet taz-zewg periti fl-ammont ta’ Lm212.57 fuq valur ta’ xogholijiet fl-ammont ta’ madwar Lm40,000. Dan l-ammont ta’ Lm212.57 jirraprezenta 0.5% tal-valur tax-

xogholijiet u ghalhekk billi d-drittijiet ta' l-Perit Tekniku jkunu jiswew erba' darbiet dan l-ammont (*cioe'* bit-2%), l-Perit Tekniku ma hassx li kellu joqghod ikejjel dawn ix-xogholijiet fuq is-sit ghal ragunijiet ovvji.

Madankollu mill-ewwel tlett paragrafi msemmija hawn fuq, johrog bic-car li l-kont maghmul mill-perit inkarigat mix-xogholijiet, *cioe'* l-Perit Paul Camilleri, huwa dak il-kont li wiehed ghandu joqghod fuqu.

Ghalhekk, l-Perit Tekniku kkonkluda li kellu jaccetta l-kont tal-Perit Paul Camilleri ukoll f'dan il-kaz u ma' l-ammont ta' Lm71,453.01, minbarra l-ammonti msemmija f'numru 1, 2 u 3 hawn fuq, ghandu jizdied ukoll l-ammont ta' Lm212.57 kif jidher fil-hames tabella fuq Dok AS1.

5. Skond dokument li fuqu bbazat it-talba taghha s-socjeta' attrici, ammont ta' Lm120 huwa dovut mis-socjeta' konvenuta ghal *"shifting of 9 containers"* qabel inbdew ix-xogholijiet skond kif jidher fuq Dok PF2. Dan l-ammont ma giex ikkontestat mis-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk ma' l-ammont ta' Lm71,453.01, minbarra l-ammonti msemmija f'numru 1, 2, 3 u 4 hawn fuq, ghandu jizdied ukoll l-ammont ta' Lm120.00".

Wara li ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet, li din il-Qorti tikkondividi, il-perit tekniku ikkonkluda li l-valur tax-xogholijiet li saru mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta fil-fabbrika f'H'Attard Industrial Estate, jammontaw ghal Lm82,666.28, mil-liema somma s-socjeta' konvenuta hallset lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm68,186.89.

Is-socjeta' konvenuta tallega wkoll li kien sar qbil li, mill-kont finali, ghandu jkun hemm skont ta' 3%. Dan l-iskont ma jirrizultax imnizzel fil-ftehim bejn il-partijiet, *pero'*, gie allegat mis-socjeta' konvenuta, u x-xhieda li resqet s-socjeta' attrici ma nnegawx li sar dan il-ftehim. Fil-fatt, anke mid-dokument li fuqu bbazat l-azzjoni taghha s-socjeta' attrici, jidher li certi pagamenti nghata skont fuqhom f'ammont li huwa ekwivalenti ghal 3%. Min naha

l-ohra, is-socjeta' attrici m'applikatx dan l-iskont b'mod generali, u *kwindi*, ghal konsistenza dan l-iskont ta' 3% ghandu japplika fuq l-ammont totali dovut. Is-somma globali dovuta, kif intwera, hu ta' Lm82,666.28, u 3% ta' din is-somma iggib Lm2,479.99, li ghandha titnaqqas flimkien mal-pagamenti li saru akkont.

B'hekk, l-ammont pendenti u dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici huwa ekwivalenti ghal Lm11,999.40. (Lm82,666.28-Lm2,479.99-Lm68,186.89).

Id-diferenza bejn is-somma mitluba u dik likwidata minn din il-Qorti, hija dovuta ghall-fatt li s-socjeta' attrici, fit-talba taghha, tat skont ta' Lm1,276.67 biss, fejn dan fil-fatt kellu jkun Lm1,203.32 aktar, *cioe'*, Lm2,479.99.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddisponi minn din il-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' *in parte* t-talbiet attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm11,999.40 (hdax-il elf, disa' mija u disa' u disghin lira maltija u erbghin centezmu), rapprezentanti s-somma bilancjali dovuta fuq appalt moghti fil-25 ta' April, 1991, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni, *cioe'*, mill-21 ta' Gunju, 1993, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, anke ghalhiex id-differenza bejn is-somma mitluba u dik likwidata hija zghira, jibqghu kollha *a karigu* tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------